



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B8-1096/2016**

14.9.2016

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-konsegwenzi tal-politiki ta' riforma tal-iskemi tal-irtirar f'perjodu ta' kriżi

**Sophie Montel, Florian Philippot**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-konsegwenzi tal-politiki ta' riforma tal-iskemi tal-irtirar f'perjodu ta' kriżi**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi permezz tar-rakkomandazzjonijiet tagħhom, il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill jinkoraġġixxu żieda fl-età legali u effettiva tal-irtirar
- B. billi madankollu, ħamsin fil-mija tal-persuni fi Franza ma kellhomx impjeg fil-mument li fih irtiraw;
- C. billi, skont studju tas-CEPR (Boeri et al., 2016), ir-riforma Monti tal-2010 fl-Italja (li żiedet l-età tal-irtirar b'ħames snin għal ċerti kategoriji) hija l-kawża tal-eliminazzjoni ta' 23 % tal-impjegi taż-żgħażaġh;
- D. billi l-kawża tan-nuqqasijiet tal-iskemi tal-irtirar hija l-fjakkizza ekonomika artifiċjalment miżmuma minn politiki ta' awsterità totalment inadegwati;
- 1. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jieqfu jeżiġu żieda fl-età tal-irtirar, b'mod partikolari fil-perjodi ta' kważi riċessjoni;